MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 90/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Garzia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-7/12/2005 ghall-habta tal-5.15 p.m. sas 6.00 p.m., 17/12/2005 ghall-habta tat-3.30 p.m. sal-4.30 p.m., 18/12/2005 ghall-habta ta’ 12.30 sat-3.15 p.m. u ghall-habta tas-7.00 p.m. sat-8.00 p.m., 19/12/2005 ghall-habta tal-4.30 p.m. sas-7.40 p.m., 20/12/2005 ghall-habta tal-4.30 p.m. sas-7.45 p.m., 22/12/2005 ghall-habta tat-3.00 p.m. sas-7.15 p.m., 23/12/2005 ghall-habta tad-9.00 a.m. sas-6.00 p.m., 24/12/2005 ghall-habta tad-9.00 a.m. sas-6.00 p.m., 25/12/2005 ghall-habta tal-10.30 a.m. sal-11.30 a.m., 26/12/2005 ghall-habta tal-11.30 a.m. sal-10.15 p.m., 27/12/2005 ghall-habta tal-5.00 p.m., 29/12/2005 ghall-habta tad-9.30 a.m. sas-1.40 p.m., 30/12/2005 ghall-

habta tad-9.15 a.m. sas-7.10 p.m. u fil-31/12/2005 ghall-habta tad-9.30 a.m. sat-8.30 p.m. u fit-3/1/2006 ghall-habta tal-4.45 p.m. fil-fond 34, Sqaq Rjallu, Fgura, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici,

1. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku billi haddem makna w apparat tac-cinema (Art. 338(DD) tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess dati, hinijiet u fond haddem makkinarju w apparat tac-cinema minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega mill-ligi jew mir-regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti (Art. 338(gg) tal-Kap. 9);

3. fl-istess dati, hinijiet u fond uza l-fond nru. 34 Sqaq Rjallu, Fgura ghall-progezzjonijiet cinematografici w dan minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tar-regolamenti dwar il-pellikola w il-palk (Art. 2, Art. 41(LS.10.17).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(dd)(gg) tal-Kodici Kriminali w ir-Regolamenti 3 u 4 tal-Avviz Legali 139/1996, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mija w sittin Euro (€160.00).

Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w ikkundannatu li jhallas is-somma ta' tmin mija w sebgha w sebghin Euro w tnejn u tletin Euro centezmi (€877.32) – spejjez inkorsi fil-hatra tal-periti f'din il-kawza. Minbarra dan, ordnat lill-appellant li ma jhaddem ebda apparat cinematografiku fil-fond fuq imsemmi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t'April, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata fil-partijiet fejn sabitu hati w tiddikjarah mhux hati skond il-Ligi, w thassar l-ordni ta' l-Ewwel Qorti li l-appellant ma jhaddem ebda apparat cinematografiku fil-fond in kwistjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' : 1. Li dwar l-ewwel imputazzjoni, mix-xhieda, ma jidhirx li kien hemm xi ksur tal-buon ordni w l-paci pubblika kif jiddisponi l-art. 338 (dd) tal-Kap.9, ghalkemm irrizulta li fil-garage in kwistjoni veru li l-appellant u shabu kienu jaraw xi *films* li s-*soundtrack* taghhom kien xi ftit jew wisq jinstema' mir-residenza tal-*parte civile*, Joseph Campbell;
2. Dwar it-tieni imputazzjoni ma jirrizultax li l-appellant kellu bzonn ta' xi tip ta' licenzja biex hu jezercita d-delizzju tieghu li jhaddem taghmir ta' projezzjoni cinematografika ghal skopijiet privati. Ir-Regolamenti Dwar il-Licenzja li Tinhareg lill-Makkinisti Cinematografici li gew fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 138 tal-1996 jiddefinixxu : *"Makkinista cinematografiku"* bhala persuna li thaddem taghmir ta' projezzjoni cinematografika sabiex jittellghu wirjiet li ghalihom jattendu membri tal-pubbliku bi hlas. Dan ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni. Anzi x-xhieda prodotti mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti jeskludu kull possibilita' li tali attivita' l-appellant kien jaghmilha bi qliegh. Ghalhekk il-konkluzzjoni peritali f' dar rigward kienet zbaljata.
3. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, galadarba r-regolamenti li tal-ksur taghhom instab hati l-appellant saru taht l-art. 203 tal-Kap.10, u dan l-artikolu hu intiz sabiex jirregola postijiet pubblici bhal ma huma teatri pubblici w swali pubblici ta' cinematografu jew attivita' li per se tkun xi wirja pubblika , divertiment pubbliku jew xi ballu pubbliku, sabiex l-appellant jinstab hati tal-ksur ta' dawn ir-regolamenti, ried jigi pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-fond in kwistjoni kien uzat (1) bhala sala pubblika tac-cinematografu u (2) li l-projezzjonijiet cimematografi jinkwadraw taht forma ta' wirja pubblika kif jiddisponi dak l-artikolu. Inoltre l-appellant qatt ma kellu jinstab hati taht ir-Regolament 41 stante li dan jittratta l-validita' ta' licenzja , meta qatt ma kien hemm il-htiega li l-appellant jottjeni xi forma ta' licenzja stante li l-attivita' gestita minnu saret f' fond privat u minghajr hlas.

Ezaminat il-provi traskritti li ttiehdu quddiem il-periti nominati mill-Ewwel Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi s-sentenza appellata hija ghal kollox karenti minn xi motivazzjoni kemm ta' natura fattwali kif ukoll ta' indoli legali w tirriferi biss ghaz-zewg relazzjonijiet peritali tal-perit tekniku Prof. Agius u dik tal-perit legali Dr. J. Buttigieg, "biex tigi evitata ripetizzjoni". Tghid biss illi mill-provi prodotti l-akkuzi kolha gew pruvati skond il-ligi.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-imsemmija zewg relazzjonijiet u, kuntrarjament ghall-Ewwel Qorti, sabet fihom zbalji kemm fl-apprezzament tal-fatti kif ukoll ta' interpretazzjoni legali, li jinnecessitaw zgur apprezzament gdid kemm tal-fatti u tal-punti ta' ligi involuti.

Illi dwar l-ewwel aggravju, jidher li, fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana, li jekk stess kien hemm xi storbju fit-triq minn-nies jitkellmu fl-isqaq jew hsejjes gholjin li emanaw mill-projezzjoni ta' films fil-garage tal-appellant, dan ma jammontax ghar-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-art. 338 (dd) tal-Kodici Kriminali. Di fatti l-ilment tal-konjugi Campbell, kif riprodott fir-relazzjoni tal-perit legali, (Fol.58) kien li l-ksur tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku kien isir billi taht id-dar taghhom hemm garage li qed jintuza bhala cinema mill-appellant, li jgib in-nies jaraw il-films. Il-ksur tal-paci pubblika qed isir kemm minn-nies li jigu jaraw il-films li hafna drabi jibqghu jitkellmu fl-isqaq fejn qieghed l-garage u jilletikaw bejnithom dwar il-films li jkunu raw jew ser jaraw u huma jisimghuhom mid-dar gewwa bil-bieb maghluq. Jisimghu ukoll il-hoss tal-magna tahdem u s-sound tal-film li jkun qed juri.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mis-Sinjorija Tieghu il-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano, fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Francis Tabone**" [22.12.2006] fejn si trattava ta' hsejjes u inkonvenjent gej mill-uzu

frekwenti w regolari ta' *scarecrow propane cannons* f'ghelieqi vicin fejn kien jghix il-kwerelant u li bl-isparar ripetut taghhom kien qed jikkagunawlu inkonvenjent :-

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni f' diversi sentenzi taghha tispjega f' hiex jikkonsisti dan ir-reat - li fil-ligi Ingliza jissejjah "a breach of the peace" - u li s-semplici hsejjes jew inkonvenjent minn hsejjes ma jammontaw per se ghall-"breach of the peace." A skans ta' ripetizzjoni, ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju, 1996, fl-ismijiet "Il Pulizija vs. Joseph Spiteri" kif ukoll ghas-sentenza aktar recenti (pero' dejjem ta' din il-Qorti ghalkemm diversament preseduta)  tat-3 t' April, 2003,"Il-Pulizija vs. Paul Pace".*

Proprju f' dan l-ahhar sentenza giet citata sentenza ohra ta' din il-Qorti fil-kawza
"Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] fejn gie ritenut li :-

*"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil." u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace". Dik il-Qorti kienet iccitat b' approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli fil-kawza "L-Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et." [Kollez. Vol.XII, p.472, 475]:-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblika sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminiuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell' ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Illi hu ovvju li fil-lanjanza tal-parte civile f' dan il-kaz ma kien hemm ebda element simili ta' inkwiet jew thassib dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', izda si trattava biss ta' diskors minn-nies - mhux mill-appellant - barra fl-isqaq u hsejjes tal-projector u tal-audio li holqulhom inkonvenjent.

Lanqas ma hu l-kaz li tista' tinstab htija taht is-subartikolu (m) tal-artikolu 338 li jiddisponi li jkun hemm il-kontravvenzjoni meta bil-lejl, xi hadd jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor. L-ewwel nett ghax il-kliem adoperat fic-citazzjoni jirriferi b' mod car ghas-subinciz (dd) ta' dan l-artikolu, kif ukoll ghaliex mill-istess hinijiet kollha indikati fid-dettall fl-istess citazzjoni w konfermati mill-parte civile fix-xiehda taghhom, ma jirrizultax li, jekk kien hemm xi hoss eccessiv, dan sar fil-hin tal-mistrieh tan-nies vicini bil-lejl.

Din il-Qorti tifhem u tista' tissimpatizza mal-parti civili li huma jhossuhom disturbati b' xi hsejjes eccessivi tat-*talkies* li kien johrog mill-garage tal-appellant u/jew minn xi tpacpic tan-nies fl-isqaq, pero' sfortunatament jidher li l-legislatur ma joffrix *de lege lata* rimedju penali ghal tali inkonvenjent. Din il-Qorti tista' biss tosserva li *de lege condenda*, hemm il-htiega li tinholoq kontravvenzjoni li b' xi mod tikkontrolla ***noise pollution*** esagerata, gejja minn fejn gejja, anki ma tul il-hin kollu tal-gurnata, u mhux biss bil-lejl u fil-hin tal-mistrieh. Fil-hajja moderna qed jinholqu hafna modi kif dawn il-hsejjes - anki ma tul il-jum - jistghu isiru eccessivi w insopportabbli eg. bl-uzu ta' makkinarju ta' kostruzzjoni, ta' thaffir, ta' daqq ta' muzika b'*amplifiers* qawwija, ta' uzu ta' *scarecrow propane cannons*, eccetera w l-ligi ghandha tirrispondi ghal dawn l-izviluppi. Imma dan *de lege condenda.*

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh bhala ben fondat fil-ligi.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju ma jirrizultax pruvat li l-appellant meta rrceva xi nies hbieb tieghu fil-garage tieghu biex jurihom films, kien qed jaghmel hekk ghall-pubbliku w bi qliegh. Hawn ukoll ir-relazzjoni tippekka

serjament ghal dak li huma principji bazilari ta' dritt penali w l-Ewwel Qorti zbaljat li accettathom. Il-perit legali, wara li jirriferi ghal-fatt li mill-inqas zewg xhieda, Mario Vella u Emanuel Bugelli, li kienu jattendu ghal dawn il-films, xehdu li huma qatt ma hallsu lill-appellant u ghalkemm jghid li l-istess appellant xehed ukoll f' dan is-sens, (Fols.62,63 u 64), ikkonkluda li *"mhux verosimili li din l-attivita' titmexxa b' mod regolari u ssir bla hlas ta' xejn."*

Issa fil-waqt li huwa minnu li jekk l-imputat irid jaghmel xi prova irid jaghmilha biss sal-grad tal-probabbli w allura il-kriterju tal-verosimiljanza hu applikabbli. Imma l-ewwel u qabel kollox hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova sal-grad tac-certezza morali l-ezistenza tar-reat *de quo* u mhux l-imputat li jrid jipprova l-innocenza tieghu. Is-suspett mhux prova. F' dan il-kaz il-perit legali ddipartixxa ghal kollox minn dan il-principju sagrosant u fl-assenza totali tal-icken prova li l-appellant kien qed jircevi xi qliegh mill-projezzjoni ta' dawn il-films, assuma dan - haga li qatt ma seta' jaghmel. B' hekk gie li inverta l-oneru tal-prova fuq l-appellant li gie msejjah biex jipprova l-innocenza tieghu. Anki dan l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tistrieh fuqu w taghmlu taghha kif ghamlet fis-sentenza appellata.

Jidher umbaghad li l-aktar konsiderazzjoni li spingiet kemm lill-perit tekniku lill-perit legali biex isibu htija ta' din l-imputazzjoni kien il-fattur tas-"*safety",* ghax seta' jinqala' xi hruq fil-post. (para. 23 tar-relazzjoni a fol. 67). Pero' din il-konsiderazzjoni hija ghal kollox irrilevanti ghax l-appellant mhux qed jiffaccja xi akkuza li tirrigwarda *"health and safety regulations"* imma wahda li ghamilha ta' makkinista bla licenzja. Ghalhekk din il-preokkupazzjoni qatt ma setghet twassal biex il-periti jirrelataw dwar htija tat-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Lanqas fil-fehma ta' din il-Qorti ma jissussisti r-reat dedott fit-tielet imputazzjoni ghaliex ladarba l-attivita' gestita mill-appellant ma kienetx ghall-pubbliku imma biss ghal cerkju ta' hbieb tieghu, kien liberu li jaghmel dan minghajr il-htiega ta' licenzja minn xi awtorita'. Di fatti skond l-espert il-Professur Agius, l-appellant fil-garage tieghu kellu

*screen* bil-purtiera w zewg fillieri siggijiet b' xi tnax il-siggu b' kollox.

Hu risaput minn min ghandu eta' bizzejjed li fil-passat, meta kienu aktar popolari l-projezzjonijiet ta' *films* fil-privat minn dilettanti, u dan qabel ma dahlu l-videos u d-DVD's, kienet haga komunissima li wiehed jistieden fuq bazi regolari numru ta' hbieb fid-dar tieghu biex jurihom "*home movies"* jew *films* ta' xi vjaggi li dak li jkun ikun ghamel, jew xi films li jkun iddobba jew kera minnghand terzi. Kien hemm addirittura ghadd ta' dilettanti li kienu jarmaw bhal tejatru zghir go darhom jew go xi basement jew f' xi garage vicin, ghal dan il-ghan. Imma dan l-armar ma jirrendix il-projezzjoni bhala wahda pubblika li ghaliha tirrikjjedi xi licenzja kwalsiasi w qatt hadd ma holom li lil dawn in-nies dilettanti - hafna minnhom membri tal-Malta Amateur Cine Circle - jipprosegwihom ghax kienu qed joperaw makkinarju cinematografu bla licenzja.

Dwar dawn il-punti r-relazzjonijiet peritali huma ghal kollox karenti w minnkejja li quddiem l-Ewwel Qorti, wara li gew prezentati r-relazzjonijiet, saru anki sottomissjonijiet dettaljati bil-miktub (Fol. 121 sa 131 tal-process) l-Ewwel Qorti jidher li lanqas biss ittrattathom minimament fis-sentenza appellata.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultawx lanqas it-tieni w t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Konsegwentement l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata fl-intier taghha u l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni, piena w ordni li ma jhaddem ebda apparat cinematografu fil-fond in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------